*Nullita tal-Mandat - Kawza citata hazina*

*Nuqqas ta' prospett tad-danni pretizi*

*Legittimu Kontradittur*

*Kumpannija ta' Servizz ta' Investimenti*

*Lifting of the Corporate Veil*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Erbgha, 21 ta’ Novembru 2018.

**Rikors Numru: 1703/2018/1 LSO**

**Rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1703/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Alfred Anton Zarifa, impjegat, iben id-defunt Antoine u d-**

**defunta Genevieve nee' Hayrouz, imwieled Tripli, il-Libja u residenti Hal-Lija detentur tal-Karta ta' Identita` Numru 315087(M) u martu Olena Zarifa, bint Viktor Klymenko u Lilia nee Kushnir, imwielda Hersen fl-Ukraina u residenti Hal-Lija detentrici tal-Karta ta' Identita` Numru 326907(L)**

**vs**

**Alexander Mangion, direttur ta' kumpanija, iben Nazzareno u Rita nee' Spiteri, imwieled il-Pieta`, u residenti r-Rabat, Malta detentur tal-Karta ta' Identita` Numru 565482M u Melvin Mangion, direttur ta' kumpanija, iben Nazzareno u Rita nee` Spiteri, imwieled il-Pieta`, u residenti r-Rabat, detentur tal-Karta ta' Identita` NUmru 300580M**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Alfred Zarifa u Olena Zarifa pprezentat fid-19 ta' Ottubru 2018 fejn inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari:

**1. kwantu ghall-intimat Alexander Mangion:**

a. sehmu indiviz mill-fond urban ossia *terraced house* bin-numru wiehed u ghoxrin (21) u bl-isem mhux ufficjali "Marble Arch" bil-*garage* inter-konness bin-numru tnejn u ghoxrin (22) fi Triq tat-Tabija (sive Triq it-Tobia) fir-Rabat, Malta u bl-arja u s-sottoswol relattivi taghha [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument A];

b. sehmu indiviz mid-dar bl-arja libera taghha li ghandha zewg bibien immarkati bin-numri ufficjali sitta u sebghin u sebgha u sebghin (76 u 77) gia numri tmienja u erbghin ittra 'C' u disgha u erbghin (48C u 49) fi Triq il-Wied Birkirkara [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument B];

c. sehmu indiviz mill-*garage* inkluz il-bitha retroposta bin-numru ufficjali stradali tlieta ittra 'A' [3A] minghajr numru ufficjali fi Triq il-Karmnu, Birkirkara, eskluz I-arja tieghu izda jinkludi s-sottoswol li fih ukoll bir li jintuza mill-*garage* [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument C];

d. sehmu indiviz mill-apartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) li jinsab fl-ewwel livell [it-tieni sular tal-BIokk] minghajr I-arja u li qieghed fuq ix-xellug meta wiehed ihares lejn il-BIokk minn barra u mit-triq sovrappost ghall-appartament iehor internament immarkat bin-numru wiehed (1) u appartament immarkat bin-numru erbgha (4) u jifforma parti minn Blokk ta' appartamenti li ghandhom numru ufficjali mija u sittin (160) gia sitta u sittin (66) f' Tunnara Promenade, Mellieha inkluz sehem indiviz tal-partijiet komuni ghall-uzu komuni tal-appartamenti kollha fil-Blokk [Nota ta' iskizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument D].

e. sehmu indiviz mill-*garage* bl-arja tieghu, internament immarkat tlettax (13) li jinsab f' kumpless ta' *garages* fil-*lowest basement level* imsejjah 'Level Zero' liema kumpless ta' *garages* jinsab sovrapost ghal zewg sulari ta' *garages* u huwa accessibli minn entratura komuni minghajr numru ufficjali imma imsejha 'Park One' ukoll maghrufa bhala 'Entrance C' fi Triq il-Qarnit Mellieha [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument E];

**2. kwantu ghall-intimat Melvin Mangion:**

a. sehmu minn *Town-house* bin-numru ufficjali tnejn u tlettin [32] li tinkludi zewg gonon sitwati fuq wara tal-imsemmija **Town-house** b'*garage* interkonness sitwat fil-Iivell tat-triq, bin-numru ufficjali tlieta u tlettin (33) u jinsab fi Triq San Gakbu, Siggiewi [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument F];

b. sehmu indiviz mid-dar bl-arja libera taghha li ghandha zewg bibien immarkati bin-numri ufficjali sitta u sebghin u sebgha u sebghin (76 u 77) gia numri tmienja u erbghin ittra 'C' u disgha u erbghin (48C u 49) fi Triq il-Wied Birkirkara [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument G];

c. sehmu indiviz mill-kamra sitwata fil-*first floor level* u cioe` sular ta' fuq il-livell tat-triq, mhux sottoposta izda sovraposta ghall-beni ta' terzi, accessibli minn bieb komuni bla numru u bla isem li jigi t-tieni bieb min-naha tal-Iemin fuq ir-ritratt unit mal-kuntratt ta' bejgh u xiri, u malli tidhol mill-imsemmi bieb komuni wiehed isib tarag komuni illi jwassal ghall-ewwel sular fejn hemm pjanu komuni u f' liema livell hemm il-kamra *in vendita* li tinsab fuq in-naha tax-xellug u dan fi Triq San Pietru kantuniera ma' Triq Wied Hoxt, fil-kontrda ta' Wied iz-Zurrieq fil-Iimiti tal-Qrendi [Nota ta' iskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument H];

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Il-kreditu pretiz ghall-fini tal-mandat huwa fl-ammont ta' tliet miljuni, erba' mija, disgha u ghoxrin elf, erba' mija, disgha u sebghin ewro (€3,429,479).

Titolu: Ammont ta' danni pretizi mir-rikorrenti konsegwenti ghall-azzjonijiet kommessi mill-intimati flimkien mas-socjeta` MPM Capital Investments Limited li taghha huma azzjonisti u diretturi u, liema talba ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas ta' danni huma oggett ta' kawza fl-ismijiet "Alfred Zarifa et vs MPM Capital Investments Limited et" li ghad trid tigi appuntata ghas-smigh [Rikors Guramentat Numru 689/2018 MH1.

Rat id-digriet tad-19 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Novembru 2018, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimat Alexander Mangion (Karta tal-Idnetita Numru 565482M) u Melvin Mangion (ID 300580M) datata 26 ta' Ottubru 2018 a fol 17 tal-process fejn opponew ghat-talba ghar-ragunijiet hemm dedotti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet

il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Pio Valletta u Dr Franco Galea, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Mandat ta' Inibizzjoni gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi r-rikorrenti qed jitolbu l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati in kawtela ta' danni allegatament sofferti, *stante* li r-rikorrenti huma klijenti tal-kumpanija MPM Capital Investments Limited. Illi l-intimati huma diretturi u azzjonisti ta' din il-kumpanija. Illi jirrizulta manifest li r-rikors odjern gie pprezentat fit-termini tal-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** in kawtela ta' danni pretizi mir-rikorrenti konsegwenti ghall-azzjonijiet kommessi mill-intimati flimkien mas-socjeta` MPM Capital Investments Limited. L-ammont ta' danni huwa likwidat ghall-fini tal-mandat fis-somma ta' tliet miljuni, erba' mija, disgha u ghoxrin elf, erba' mija, disgha u sebghin ewro (€3,429,479).

### Fatti u retroxxena

Illi kull ma johrog mir-rikors ghall-hrug tal-mandat huwa li r-rikorrenti qed jippretendu risarciment tad-danni kontra l-

intimati. Mir-risposta tal-intimati johrog li s-socjeta' MPM Capital Investments Limited huwa detentur ta' licenzja mahruga mill-*Malta Financial Services Authority* sabiex tipprovdi servizzi ta' investimenti lil terzi. Ir-rikorrenti odjerni huma klijenti tas-socjeta` imsemmija u ddepozitaw flejjes maghhom li gew investiti f'*bonds* u fondi internazzjonali. Jirrizulta wkoll mir-risposta tal-ezekutati li s-socjeta' MCM Capital Investments Limited stess kienet ipprocediet kontra r-rikorrenti b'mandati kawtelatorji fl-ammont ta' €2,7770,480 rapprezentanti hlasijiet li jghidu li huma dovuti lill-istess socjeta'.

**Dritt:**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat **(Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta)**.

Rat li l-mandat kif ifformulat sar fit-termini **tal-artikolu 874 tal-Kap 12** u ghalhekk, skont l-istess disposizzjoni kif assodata wkoll fil-gurisprudenza taghna, ir-rikorrent m'ghandux ghalfejn jipprova li l-hrug tal-mandat huwa mehtieg irrimedjabbilment ghall-kawtela tal-jeddijiet pretizi minnu, izda huwa tassattiv li l-kreditu ghandu jeccedi l-ammont ta' €11,646.86 u l-kreditu jrid jirrizulta *prima facie.*

Ir-rikorrent ghalhekk ghandu juri biss li jkun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[1] Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jedd *prima facie* li jiddeducu kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza "***Grech pro et noe vs Manfre*"** ir-rekwizit tal-jedd 'prima facie' huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat. Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitata ghall-apprezzament tal-elementi guridici u fattwali fuq bazi *prima facie*. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib.[2]

Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

[1]Ara f'dan is-sens "***Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.
[2]Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino *noe. vs.* Caruana Curran *noe. et.*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

Illi fi procedura ta' natura specjali bhal ma hi din odjerna, l-analizi krucjali ghandu jistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jedd *prima facie* kontra l-intimati fl-ammont superjuri ghal dak indikat fl-artikolu 874 tal-Kap 12.

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-artikolu 874(1) m'ghandux jinqara bhallikieku jikkonfliggi mal-artikolu 873 tal-Kap 12, ghaliex m'hemm l-ebda konflitt bejn i-zewg disposizzjonijiet tal-Ligi. Difatti, t-talba ghal hrug ta' Mandat skont l-artikolu 874 hija ghodda ohra li ghandu mhux kull min jallega li ghandu jedd "prima facie" li se jkun pregudikat b'mod irrimedjabbli izda li ghandu kreditur b'debitu favur tieghu li jaqbez l-€11,646.86. Ghalhekk, il-*punto d'incontro* bejn iz-zewg disposizzjonijiet, *ai fini* tal-artikolu 874(1), li l-kreditu jrid jirrizulta minn dritt "prima facie". (Ara **Saviour Vella et vs Dominic Farrugia et** Rik ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Nru.794/2015 - 4 ta' Gunju 2015).

Tajjeb li jkun riaffermat li l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Rat ukoll li *ai fini* tal-**artikolu 874(2**) kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2016, gie esebit abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha.

**Trattazzjoni**

Illi b'referenza ghall-eccezzjonijiet sollevati, ghal dak li jirrigwarda li l-azzjoni mehuda in sostenn tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti giet iccitata hazin fir-rikors, gie sottomess mid-difensur tar-rikorrenti li l-ligi ma tesigix li jkun hemm referenza ghall-azzjoni mehuda. Huwa bizzejjed li r-rikorrent jiddikjara l-bazi guridiku ghat-talba tieghu bhal ma gara fil-kaz odjern. Inoltre l-intimati huma azzjonisti tas-socjeta' MPM Capital Invesments Limited u ghaldaqstant huma responsabbli personalment lejn il-klijenti tas-socjeta' ghall-ksur tal-obbligi fiducjarji taghhom. Ghal dak li jirrigwarda d-danni gie rilevat, iIli kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet.

B'referenza ghall-eccezzjoni li l-intimati mhumiex legittimi kontraditturi billi r-relazzjoni guridika tar-rikorrenti tissussisti bejn ir-rikorrenti u s-socjeta', l-avukat dfensur tar-rikorrenti sostna li sabiex din l-eccezzjoni tigi ezaminata b'mod approfonditt, wiehed irid jidhol fil-mertu tal-kaz, 'il hinn minn ezami merament *prima facie*.

L-intimati sahqu wkoll dwar in-nuqqas tar-rikorrenti li jesebixxu mqar prospett tad-danni pretizi sabiex jispjegaw kif waslu ghas-somma ta' €3,429,479. Difatti, fit-trattazzjoni saret referenza ghad-dokumenti esebiti mar-risposta tal-intimati, specifikatament ghall-prospett li esebew fejn urew li r-rikorrenti mhux talli ma sofrewx danni izda ghamlu qligh.

Hawnhekk, ta' min ighid, li ghalkemm, din il-Qorti kkunsidrat dak sottomess mill-avukati difensuri tal-partijiet, madankollu, tqies li din hija kwistjoni li tesorbita l-istharrig li ghandu jsir f'din il-procedura, kwindi, certament, ma tistax tevalwa u tindaga din il-materja li jirrikjedi smigh ta' provi sostantivi.

**<u>Eccezzjonijiet Sollevati</u>**

**<u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

L-ewwel eccezzjoni titratta l-kawza 689/2018 MH li hija ccitata bhala l-kawza fejn ir-rikorrenti ipprocedew gudizzjarjament ghall-risarciment pretiz. Irrizulta li din hija referenza hazina, billi dawk il-proceduri jirrigwardaw rikors ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru pprezentat mis-socjeta` MPM Capital Investments Limited kontra r-rikorrenti odjerni ezekutanti;

Illi r-referenza ghall-kawza gja intavolata fiha innifisha mhix *sine qua non* ghall-hrug tal-mandat, ghalkemm gjaladarba l-kreditur ghogbu jorbot il-mandat ma' kawzali specifika,

ghandu jiehu hsieb li jkun preciz fir-referenza tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar il-hrug ta' mandat igib konsegwenzi horox u pregudizzjevoli kontra d-debitur li ghandu d-dritt li jippretendi li l-informazzjoni ddikjarata bil-gurament fuq ir-rikors ghall-hrug tal-mandat hija korretta, u li jiehu l-provvedimenti tieghu skont dak li gie hekk iddikjarat.

Fil-kaz odjern, gie sottomess li r-referenza kienet hazina billi l-kawza fil-mertu giet regolarment istitwita.

Min-naha l-ohra taqbel li l-legislatur ma jimponix *ad validitatem* fuq min jitlob il-hrug ta' mandat biex jindika l-azzjoni li ttenta jew li ser jittenta bi precizjoni, u jkun bizzejjed li kieku s-sekwestranti jindikaw biss il-kawzali ta' danni u jieqaf hemm.

Illi evidentement, il-prova li giet isititwita kawza fil-mertu rigward l-allegati danni pretizi, hija karenti. Izda, dan ma jfissirx li ma tistax issir it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, *stante* li kawza fil-mertu jista' jigi pprezentat ulterjorment, fit-terminu stabbilita bil-Ligi.

Hawnhekk ta' min isemmi dak ribadit fil-kaz **Dragonara Gaming Limited vs Il-Ministeru tal-Finanzi et**, P.A.(JRM) – deciza fit-28 ta' Novembru 2014, fejn inghad hekk:

*"Tqis li l-ligi nnifisha taghti li Mandat ta' Inibizzjoni jista' jintalab u jinhareg fejn parti tkun ghadha mqar sejra taghmel azzjoni quddiem qorti, u dan tghoddu bhala jedd*

*bizzejjed biex issir it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak. Il-Ligi taghti wkoll ir-rimedju ghal min jabbuza mill-hrug ta' atti kawtelatorji, imma ma ccahhadx minn qabel li wiehed jinqeda minnhom."* (Ara wkoll **Munqar Ltd. vs Annetto Farrugia et,** Rikors ghal Mandat ta' Inibizzjoni Nru 59/2015 (JZM) – 12 ta' Frar 2015).

Konsegwentement referibbilment ghal dak eccepit rigward Rik.Numru 689/2018/MH, din l-eccezzjoni ma tregix u qed tigi respinta.

**<u>Eccezzjoni li l-intimati mhumiex il-Legittimi Kuntraditturi</u>**

Illi gie eccepit ukoll li r-rikorrenti m'ghandhomx dritt fil-konfront tal-intimati peress mill-atti pprezentati jirrizulta li r-rikorrenti dejjem ikkontrattaw mas-socjeta` MPM Capital Investments Limtied, u b'hekk ma jistghux jipprocedu kontra l-intimati fil-vesti taghhom personalment.

Illi l-intimati esebew bosta dokumenti, kollha intestati f'isem is-socjeta' MPM Capital Investments Limited biex juru li r-rabta guridika kienet dejjem bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija. Difatti lanqas jirrizulta kkontestat li l-investimenti tar-rikorrenti odjerni kienu maghmula minn din is-socjeta' kif lanqas m'huwa kkontestat li l-intimati huma diretturi u azzjonisti fis-socjeta` MPM Capital Investments Limited.

Fit-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrenti strah fuq l-obbligi fiducjarji tal-intimati, li jesponihom ghall-azzjoni diretta kontrihom ghad-danni subiti minhabba ghemil doluz.

Illi jigi senjalat li fir-rigward tal-principju ta' personalita' legali distinta u separata ta' kumpanija, il-Qorti tal-Appell irriteniet fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dr. Jose A. Herrera noe et vs Tancred Tabone et noe et** illi dan *"...m'huwiex ta' bilfors principju ta' applikazzjoni universali."* Fis-sentenza fl-ismijiet **Supermarkets (1960) Limited vs Le Cram Developments Co. Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2002 inghad illi: *"...l-hekk imsejjah "corporate veil" huwa appuntu velu u mhux xi purtiera tal-hadid li warajh tista` tahbi u tnessi kwalunkwe operat, anke forsi dak li jirrazenta abbuz tal-process gudizzjarju."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Enriquez et v. Avukat Dr. Anthony Farrugia senior et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Ottubru 1995 intqal illi: *"[i]l-Qorti tifhem li fejn jirrizulta agir skorrett li juri 'mala fides' ma ghandhiex thalli lil min jahti ghal dan l-agir jiehu vantagg mill-'mala fides' tieghu. Il-ligi taghna hija mibnija fuq il-'bona fides'. L-ebda negozju giuridiku ma ghandu mmunita` mill-principju 'fraus omnia corrumpit'. Jekk biex ikun newtralizzat l-effett tal-'mala fides' huwa mehtieg li l-Qorti tipprexindi mill-personalita` separata ta' persuna morali, il-Qorti hija lesta li tiehu dan il-pass".*

Illi b'dan ma jfissirx li din il-Qorti qed takkolji l-veracita' ta' dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti, imma biss taccenna li talba ghad-danni tista', f'cirkostanzi specifici, tigi indirizzata personalment kontra d-diretturi ta' socjeta' b'personalita' guridika distinta. (Ara wkoll **Franstan Ltd vs Kashmiri Palace Limited et** - PA - 9 ta' Frar 2017).

Ikkunsidrat ukoll, li s-socjeta` MPM Capital Investments Limited hija kumpanija ta' maniggjar ta' investimenti, u kwindi hija kumpannija marbuta b'obbligazzjonijiet fiducjarji.

Kif gie affermat li fil-kaz **Carmen Xuereb vs l-Avukat Anton Micallef**, deciza mill-Prim' Awla fit-2 ta' Dicembru 2013, inghad:

*"…….Fiducjarju ghandu l-obbligu li jzomm u jitratta taghrif li jircievi b'mod kunfidenzjali. Ghandu d-dmir ta' lealta` fl-amministrazzjoni. Ghandu d-dover li jhares l-interessi tal-persuna li tkun taghtu l-inkariku. Ghandu jiehu hsieb b'onesta` u kontabilita` l-affarijiet ta' min ikun tah l-inkariku. Ghandu jezercita d-diligenza ta' bonus paterfamilias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tieghu. M'ghandux ikollu konflitti ta' interess, ghandu dejjem jagixxi fl-interess ta' min tah l-inkariku u m'ghandux jircievi profit mhux awtorizzat."*

Illi l-atti kommessi mill-intimati *tramite* s-socjeta' taghhom huma kkontemplati fost atti fiducjarji skont l-**artikolu 1124A tal-Kap 16 u cioe`:**

*"(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") -*

*(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*

*(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

*(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett."*

Inoltre fil-ktieb **Principles of Maltese Company Law** (OUP-2007) il-**Professur Andrew Muscat**[3] jaghmel referenza ghall-"*fraud or improper conduct*" li, skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, jiggustifika "*the lifting of the corporate veil*". Jiccita *inter alia* **Dr Jose Hettera noe et v Tancred Tabone** et noe (Q.Kumm 26.01.1989 Vol XXLVI.ii.321). Fic-cirkostanzi jispetta lill-Qorti adita mill-kawza fil-mertu biex taghmel l-apprezzament taghha dwar ir-responsabbilita' personali tad-diretturi.

Ghalhekk, l-eccezzjoni sollevata referibbilment ghal-legittimu kontradittur ukoll, ma tregix u qed tigi michuda.

---
[3] Para 3.4.3.

## Eccezzjoni dwar id-Danni reklamati

Illi gie eccepit, li minn imkien ma jirrizulta kif ir-rikorrenti Zarifa waslu biex jiddeskrivu kif gew likwidati d-danni reklamati. Illi fil-fatt, ir-rikorrenti ma esebew l-ebda prospett tad-danni pretizi minnhom sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom.

Illi huwa minnu li mill-atti joħroġ li l-eżekutanti ma fissrux kif waslu għaċ-ċifra msemmija fil-mandat maħluf. B'danakollu jirriżulta tabilħaqq li ghandhom pretensjoni *prima facie* ta' hlas ta' danni rezi kontra l-eżekutati u li segwew it-talba ghall-hrug tal-mandat b'rikors mahluf ghalkemm indikat hazin fil-mandat. Min-naha l-ohra l-ezekutati pprezentaw prospett dettaljat li jsostni l-pretensjoni taghhom li huma kredituri u mhux debituri tar-rikorrenti. Mhux biss li t-talba hija eccessiva, imma li t-talba hija sahansitra abbusiva.

Ikkonsidrat li skont l-**artikolu 832 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa mehtieg li meta l-jedd li wiehed irid iqieghed fiz-zgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi hlas ta' somma ta' flus, ir-rikorrent ghandu jghid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu, u jekk tkun giet prezentata kawza fil-qorti, dik it-talba tista' tispecifika u tinkludi l-ispejjez gudizzjarji, taht piena tan-nullita` tal-mandat.

Il-legislatur ma jirrikjedix precizjoni fil-likwidazzjoni tal-ammont u jkun bizzejjed li r-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-

gurament tieghu jghid kemm hija bejn wiehed u iehor, fil-fehma tieghu is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tieghu.

**Inoltre** l-liġi ma ssemmi xejn dwar xi rekwiżit bħal dan meta titkellem dwar x'inhu meħtieġ biex jista' jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju[4]. Huwa għalhekk li l-liġi titlob li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju għandu jaħlef il-pretensjoni tiegħu.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni wkoll qed tigi respinta.

B'referenza ghal dak sostnut, fis-sitt paragrafu tar-risposta tal-intimati dwar il-pregudizzju irrimedjabbli, diga inghad li t-talba kif imposta tinkwadra ruhha taht l-artikolu 874 tal-Kap 12 u mhux l-artikolu 873 tal-Kap 12, ghalhekk dan l-element tal-pregudizzju irrimedjabbli mhuwiex rikjest.

**<u>Eccezzjoni dwar ir-Raguni tal-mandat:</u>**

Fil-mertu l-intimati esebew it-*trading history* tat-transazzjonijiet tar-rikorrenti minn fejn isostnu li l-konjugi Zarifa ircevew hlasijiet in eccess minn dak dovut lilhom. Madanakollu kif gja kkonsidrat, l-istharrig fil-kaz in ezami hu wiehed *prima facie*.

Huwa assodat li l-indagni li ghandha taghmel il-Qorti f'dawn il-proceduri huwa limitat ghall-apprezzament tal-jedd vantat mad-daqqa t'ghajn (*fumus iuris)* minghajr ma tidhol fil-

---

[4] Ara art. 831(1) tal-Kap 12 fuq citat.

mertu tal-vertenza bejn il-partijiet kif ukoll li tikkonsidra l-elementi mehtiega ghas-siwi tal-Mandat jew ħwejjeġ marbuta ma' dan u li l-liġi tikkontemplahom meta tqis is-siwi ta' atti ġudizzjarji.

Kif gie ritenut *"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*. ***(Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005).

Illi certament mhuwex il-kompitu ta' din il-Qorti li tghid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex gustifikata *o meno* fil-mertu u gjaladarba l-elementi ghall-hrug u ghall-validita' tal-mandat huma soddisfatti, din il-Qorti ghandha tilqa' t-talba u tieqaf hemm.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma illi l-Mandat ta' Inibizzjoni ghandu jintlaqa' *stante* li t-talba tissodisfa l-elementi rikjesti mil-ligi *ai fini* tal-**artikolu 874 tal-Kap 12**.

**<u>III. DECIDE.</u>**

Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u

konsegwentement tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub fir-rikors.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-intimati.

**Degretat**.

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**21 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2018**